# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 26 t'April 2017

**Kawża Nru: 8**

**Rikors Ġuramentat Nru: 603 / 07 JA**

**Thomas Pisani f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Sliema Front Limited (C-4988)**

**vs**

**Bank of Valletta plc; u b'digriet tat-12 ta' Settembru 2007 ġew nominati Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi deputati jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti tal-mejjet Carmelo Pisani; u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2007 ġew nominati Dr Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita' ġjaċenti tal-mejta Carmen Pisani, Rose Pisani, John u Jane konjuġi Pisani; Joseph u Angela konjuġi Pisani; u Fensal Co. Ltd għal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu, 2017 (fol 314) fejn din il-kawża ġiet differita għas-26 ta' April, 2017 sabiex tingħata sentenza fuq l-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mill-Bank konvenut.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ulterjuri (fol 311) tal-Bank konvenut (kif debitament awtorizzat (fol 310), fejn ġiet mressqa eċċezzjoni ulterjuri fis-sens illi:

*"1. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha ġja' mogħtija fir-risposta oriġinali, l-esponenti teċċepixxi illi l-ġudizzju mhuwiex integru, stante illi is-suċċessuri fid-dritt tas-soċjeta' konvenuta Fensal Company Limited, li llum tinsab 'struck off' mir-Reġistru tas-soċjetajiet, għadhom mhux debitament imdaħħla fl-atti ta' din il-kawża, u għalhekk l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju."*

Rat ix-xhieda tal-Avukat Edward Debono fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015 fejn xehed illi huwa kien direttur tas-soċjeta' Fensal Co. Limited u speċifika illi (fol 282):

*"Illum aħna m'għadniex proprjetarji tal-fond in kwistjoni. Il-kumpannija Fensal ġiet likwidata u 'struck off the list', u għalhekk m'għandhiex interess f'din il-kawża."*

Rat li skont id-dokumenti esebiti mill-attur permezz ta' Nota (fol 301) il-proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta hawn fuq imsemmija, Fensal Co. Limited ġiet akkwistati minn ċerti, Alexandra Sergent Saliba (Dok. 'A' fol 302) u Rebecca Mercieca (Dok. 'B' fol 303).

Rat ir-risposta tas-soċjeta' konvenuta, Fensal Co. Limited fejn *inter alia* ġie sollevat illi (fol 296):

*"1. Illi s-soċjeta' esponenti kienet ġiet kreata unikament sabiex takkwista l-proprjeta' in kwistjoni permezz tas-subbasta Nru 120/04 u in segwitu tbiegħ din il-proprjeta' lil terzi kif fil-fatt għamlet."*

Rat it-talbiet tal-atturi, b'mod partikolari s-segwenti (fol 3) fejn talbu li l-Qorti:

*"3) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 6 ta' Lulju 2000 in Atti Nutar Dottor Patrick Critien huwa null u bla effett fil-Liġi, u dan stante li jiffavorixxi causa illecita stante li hemm stipulat imgħax li dak iż-żmien, kien oltre l-massimu permess mil-Liġi;*

*4) Konsegwentement, tiddikjara u tiddeċiedi li l-proċedura tas-subasta Nru 120/04 fl-ismijiet **"Bank of Valletta plc vs Sliema Front Limited"** huma nulli u bla ebda effett fil-Liġi."*

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-qosor, din il-kawża tikkonċerna l-validita' ta' kuntratt ta' Kostituzzjoni ta' Debitu datat 6 ta' Lulju 2000 fl-atti tan-Nutar Dr Patrick Critien u l-konsegwenti proċeduri tas-subasta numru 120/04 fl-ismijiet **"Bank of Valletta vs Sliema Front Limited"**. Is-soċjeta' konvenuta Fensal Co. Ltd akkwistat l-proprjeta' soġġetta għall-proċeduri tas-subasta hawn fuq imsemmija u għaddiet sabiex tbiegħ l-istess proprjeta' lil ċerti Alexandra Sergent Saliba (Dok. 'A' fol 302) u Rebecca Mercieca (Dok. 'B' fol 303).

Illi din il-Qorti tirrileva illi għalkemm qed jigi allegat li s-soċjeta' konvenuta, Fensal Co. Limited ġiet *struck off* ma nġiebet l-ebda prova dokumentarja waqt il-mori tal-kawża. Iżda din il-Qorti tosserva wkoll illi dan il-fatt ma ġiex ikkontestat mill-partijiet. Il-Qorti tosserva illi d-diriġenti tas-soċjeta' konvenuta Fensal Co. Limited ma messhom qatt xoljew il-kumpanija jekk kienu jafu b'dawn il-proċeduri – għaliex *semmai* dawn il-proċeduri huma relatati direttament mal-proprjeta' li kienet tappartjeni lilha. Peress illi ma ġewx esebiti d-dokumenti uffiċjali

maħruġa mir-Reġistru tal-Kumpaniji li jindikaw id-data li fiha l-kumpanija ġiet *struck off*, din il-Qorti ma tistax tiddetermina jekk l-*istrike off* sarx qabel jew wara li bdew il-proċeduri odjerni. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li għandha ssir referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta) dwar ir-restituzzjoni ta' isem il-kumpanija fuq ir-Reġistru. Dan l-Artikolu 300B(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji jistipula illi:

*"Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpannija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ."*

Illi għaldaqstant peress li din il-Qorti jidhrilha illi l-proċeduri istitwiti mill-attur fil-kawża odjerna – sabiex jattakka l-validita' kemm tal-Kostituzzjoni ta' Debitu surreferit kif ukoll il-konsegwenti proċeduri ta' subbasta – jistgħu jaffetwaw l-interessi tas-soċjeta' defunta Fensal Co. Limited għandhom jibdew proċedura sabiex jintalab li din tiġi ravvivata; u kif ukoll jinbdew proċeduri **appositi** sabiex is-suċċessuri fid-drittijiet tagħha jiġu kjamati fil-kawża.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda tipprefiġġi terminu ta' xahar millum sabiex jinbdew il-proċeduri biex is-soċjeta' Fensal Co. Ltd terġa' tiġi ravvivata u s-suċċessuri fid-drittijiet tagħha jiġu kjamati fil-kawża. Fin-nuqqas li dan isir fit-terminu hawn prefiss, din il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-Bank konvenut, u ċjoe' illi għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż ta' dan l-inċident ikunu riservati għall-ġudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**26 ta' April 2017**